# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Numru: 1**

**Rikors Maħluf Numru 260/2020 NC**

**L-Avukat Dr Cedric Mifsud**
**detentur tal-Karta tal-Identita' Numru 196979(M) a nom u in rappreżentanza tas-socjeta' estera Charter-a Limited, ta' Hangar One, London Redhill Aerodrome, Kings Mill Lane, Redhill, Surrey RH1 5JY**

**vs.**

**Harmony Jets Limited (C 79020)**

Illum 30 ta' Ġunju 2022

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Maħluf tal-attur l-Avukat Dr Cedric Mifsud *nomine* (*a fol.* 1 *et seq.*) ippreżentat fl-4 ta' Mejju 2020 li jgħid hekk:

> *"1) Illi is-soċjeta' estera Charter-a Limited hija soċjeta' illi tispeċjalizza fis-settur tal-Avjazzjoni partikularment f'dak illi*

*jikkonċerna is-senserija ta' chartering tal-ajruplani filwaqt illi is-soċjeta' intimata hija operatur tal-ajruplani u l-air operator's certificate (AOC) tagħha maħruġ minn l-Awtorita' ta' Trasport Malta bin-numru MT-38 SQP;*

*2) Illi nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Marzu elfejn u għoxrin (2020) is-soċjeta' estera Charter-a Limited avviċinat lis-soċjeta' intimata Harmony Jets Limited sabiex tindaga jekk kienx possibbli illi tiġi organizzata titjira minn ġewwa l-ajruport ta' Johannesburg International Airport ġewwa l-Afrika t'Isfel għall-ajruport ta' Conakry ġewwa l-Guinea u dan fuq talba ta' klijenti tas-soċjeta' estera Charter-a Limited illi xtaqu jagħmlu charter ta' ajruplan sabiex jittrasportaw żewġ esperti tagħhom sabiex ikunu jistgħu jaqdu dmirijiethom ġewwa minjiera illi tinsab f'Bel Air il-Guinea;*

*3) Illi dakinhar stess is-soċjeta' estera Charter-a Limited ġiet mgħarrfa minn Harmony Jets illi din it-titjira setgħet isseħħ nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Marzu elfejn u għoxrin (2020) iżda ma ġie skedat l-ebda ħin għat-tluq ta' din it-titjira stante illi l-permessi sabiex l-ajruplan jitħalla jitlaq mill-ajruport ta' Johannesburg ġewwa l-Afrika t'Isfel u jitħalla jinżel ġewwa Conakry ġewwa l-Guinea. Apparti minn hekk kien hemm bżonn anke illi jinħarġu il-permessi ta' overflight;*

*4) Illi is-soċjeta' estera Charter-a Limited ġiet mitluba tiffirma kuntratt datat nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Marzu elfejn u għoxrin (2020) fejn ġiet skedata l-imsemmija titjira u dan skond it-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt u kif ukoll skond dak imsemmi hawn fuq u ċioé illi primarjament is-soċjeta' intimata tottjeni il-permessi meħtieġa sabiex tkun tista' isseħħ it-titjira (kopja hawn annessa u mmarkata bħala Dok. A). Illi għalkemm dan il-kuntratt jirregola anke obbligi tal-carrier u l-operatur tat-titjira u ċioé is-soċjeta' intimata, dan il-kuntratt ma ġiex iffirmat minnha;*

*5) Illi f'isem il-klijenti tagħha, is-soċjeta' rikorrenti għaddiet il-ħlas ta' disgħa u tmenin elf Ewro (€89,000) illi kienet tirrifletti l-ispiża konnessa mat-titjira lis-soċjeta' intimata;*

*6) Illi s-soċjeta' intimata Harmony Jets Limited bħala l-carrier u operatur tat-titjira kellha l-obbligu illi tapplika u tottjeni dawn l-imsemmija permessi mill-awtoritajiet tal-pajjiżi konċernati iżda ġara illi minħabba il-pandemija dinjija tal-Covid-19 dawn il-permessi kienu diffiċli sabiex jiġu mogħtija;*

*7) Illi in vista tal-fatt illi l-Afrika t'Isfel, kienet diġa' ħarġet xi miżuri sabiex jiġu limitati it-titjiriet u għaldaqstant, is-soċjeta intimata talbet lis-soċjeta' estera Charter-a Limited tipprovdilha xi dokumenti illi jagħtu raġunijiet dwar il-ħtieġa tat-titjira sabiex b'hekk huma ikun jistgħu jippreżentawhom mal-applikazzjoni u b'hekk ikun faċilitat il-ħruġ tal-permessi meħtieġa;*

*8) Illi ġara illi iktar tard dakinhar stess u ċioé fis-sitta u għoxrin (26) ta' Marzu elfejn u għoxrin (2020) il-Gvern tal-Guinea ħabbar stat ta' emerġenza fil-pajjiż minħabba l-pandemija tal-Covid-19 u b'hekk waqqaf il-maġġoranza tat-titjiriet u fiċ-ċirkostanzi fejn kienu se jitħallew jiddaħħlu xi titjiriet il-passiġġieri kellhom jottemperaw ruħhom ma' diversi kundizzjonijiet fosthom illi l-passiġġieri kienu għaddew erbatax-il ġurnata ta' kwarantina qabel it-titjira u kif ukoll illi huma kienu ġejjin minn pajjiż illi ma kienx milqut minn każijiet tal-Covid-19 illi ma kienx il-każ tal-Afrika t'Isfel illi kellha diġa' każijiet tal-Covid-19 u b'hekk is-soċjeta' Charter-a Limited u/jew il-klijienti tagħha ma setgħux iġibu id-dokumentazzjoni mitluba mis-soċjeta' Harmony Jets Limited sabiex dawn tal-aħħar ikunu megħjuna fil-proċess tal-ħruġ tal-permessi meħtieġa;*

*9) Illi nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Marzu elfejn u għoxrin (2020) is-soċjeta' intimata baqgħet tinsisti illi sa 12:00pm UTC ta' dakinhar huma riedu illi jingħataw id-dokumentazzjoni illi kienet turi illi kien hemm xi forma ta' awtorizazzjoni għall-atterraġġ tal-ajruplan ġewwa l-Guinea sabiex b'hekk meta huma japplikaw għal permess dan jingħatalhom immedjatament;*

*10) Illi s-soċjeta' estera Charter-a Limited infurmat lis-soċjeta' intimata illi minħabba id-dikjarazzjoni ta' stat ta' emerġenza mogħtija mill-President tal-Guinea il-lejl ta' qabel, kien se jkun diffiċli sabiex jinħarġu il-permessi meħtieġa speċjalment sa*

*nofsinhar ta' dakinhar u b'hekk talbet jekk kienx hemm il-possibilita' illi it-titjira titmexxa possibbilment għal ġimgħa ta' wara sabiex b'hekk ikun hemm iktar żmien fejn ikun jista' jintalab il-permess;*

*11) Illi is-soċjeta' intimata infurmat lis-soċjeta' rikorrenti illi t-titjira setgħet titmexxa għal ġimgħa ta' wara iżda ġara illi ftit ħin wara kien evidenti illi ma kienx se joħroġ permess min-naħa tal-Guinea lanqas għal ġimgħa ta' wara stante illi kienu qegħdin jinsistu fuq ir-restrizzjonijiet magħmula u b'hekk it-titjira ma setgħetx ssir minħabba in-nuqqas tal-ħruġ tal-permessi meħtieġa;*

*12) Illi minkejja ir-raġunijiet imsemmija hawn fuq is-soċjeta' intimata baqgħet tinsisti illi is-soċjeta' rikorrenti u l-klijenti tagħha kellhom jibqgħu jinsistu dwar il-ħruġ tal-permess mill-Guinea u dan meta kienu huma responsabbli għall-applikazzjoni ta' tali permess u kienu ben konsapevoli illi l-imsemmi permess ma kienx se jiġi mogħti;*

*13) Illi inoltre li kieku minħabba l-insistenza tas-soċjeta' intimata it-titjira kienet isseħħ il-klijenti tas-soċjeta' rikorrenti bħala c-charterers tal-ajruplan kienu se jiksru l-obbligu tagħha ai termini tal-klawżola numru sbatax (17) tal-kuntratt iffirmat minnha illi jistipula illi Charterer kellu l-obbligu illi iħares il-liġijiet u regolamenti tat-traffiku u kif ukoll liġijiet oħra fosthom dawk ta' saħħa pubblika illi f'dan il-każ kienet se tkun kisret meta il-passiġġieri ma kienux jitħallew jidħlu ġewwa l-Guinea;*

*14) Illi mis-suespost huwa evidenti illi din it-titjira ma ġietx kanċellata min-naħa tac-Charterer iżda minħabba raġunijiet ta' force majuere illi ma kienux se jagħmluha possibbli illi sseħħ it-titjira u dan anke in vista tal-fatt illi s-soċjeta' intimata bħala l-AOC holder ma kinitx se tkun f'pożizzjoni illi tottjeni il-permessi meħtieġa sabiex isseħħ it-titjira kif hu l-obbligu tagħha li tagħmel;*

*15) Illi minkejja dan, meta is-soċjeta' rikorrenti talbet lis-soċjeta' intimata tirrifondiha is-somma ta' disgħa u tmenin elf Ewro (€89,000) illi kienet ġiet mgħoddija lilha f'isem il-klijenti tas-soċjeta' rikorrenti, is-soċjeta' intimata irrifjutat illi tagħmel dan*

*u saħqet illi t-titjira kienet ġiet ikkanċellata min-naħa tas-soċjeta' rikorrenti u illi l-ħlas kien kollu dovut lil Harmony Jets Limited stante illi l-allegat kanċellament kien seħħ inqas minn erbgħa u għoxrin (24) siegħa qabel il-ħin skedat għat-titjira ai termini tal-klawżola tlettax (13) tal-kuntratt datat is-sitta u għoxrin (26) ta' Marzu elfejn u għoxrin (2020) u dan meta t-titjira qatt ma kien ġie skedat ħin għaliha u s-soċjeta' intimata kienet saħansitra qablet illi minħabba in-nuqqas ta' permessi t-titjira setgħet tiġi skedata għal ġimgħa ta' wara;*

*16) Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet sabiex tersaq għal ħlas ta' disgħa u tmenin elf (€89,000) is-soċjeta' intimata baqgħet inadempjenti u s-somma għadha dovuta sal-ġurnata odjerna;*

*17) Illi tali nuqqas min-naħa tas-soċjeta' intimata qiegħed jikkawża danni konsiderevoli lis-soċjeta' rikorrenti u lill-klijenti tagħha;*

*18) Illi minħabba is-suespost, is-soċjeta' rikorrenti ma kellhiex għażla oħra ħlief illi tipproċedi bil-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju fl-ismijiet Dr Cedric Mifsud noe v Harmony Jets Limited bin-numru progressiv 421/2020 liema mandat ġie akkordat nhar il-ħmistax (15) ta' April elfejn u għoxrin (2020) sabiex jiġu kawtelati l-interessi tagħha u billi tintavola il-proċeduri odjerni.*

*Illi għaldaqstant ir-rikorrenti nomine umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni opportuna u neċessarja, jogħġobha;*

*1) Tiddikjara illi t-titjira oriġinarjament skedata għal nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Marzu elfejn u għoxrin (2020) mill-Johannesburg International Airport ġewwa l-Afrika t'Isfel għall-ajruport ta' Conakry ġewwa l-Guinea ma setgħetx isseħħ minħabba nuqqas ta' permessi tas-socjeta' intimata vis-à-vis restrizzjonijiet magħmula mill-Awtoritajiet tal-pajjiżi konċernati u mhux minħabba kanċellament mis-soċjeta' rikorrenti.*

*2) Tiddikjara illi s-somma ta' disgħa u tmenin elf Ewro (€89,000) għandha tiġi rifuża lis-soċjeta' rikorrenti mis-soċjeta' intimata.*

*3) Tordna lis-soċjeta' intimata sabiex tirrifondi lura is-somma ta' disgħa u tmenin elf Ewro (€89,000) lis-soċjeta' rikkorenti.*

*4) Tiddikjara illi minħabba l-aġir tas-soċjeta' intimata is-soċjeta' rikorrenti soffriet danni.*

*5) Tillikwida d-danni sofferti mis-soċjeta' rikorrenti u tordna lis-soċjeta' intimata tħallas id-danni hekk likwidati lis-soċjeta' rikorrenti.*

*Bl-ispejjeż kontra is-socjeta' intimata li minn issa hija nġunta għas-subizzjoni".*

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjeta' konvenuta Harmony Jets Limited (*a fol.* 25 *et seq*) ippreżentata fl-24 ta' Ġunju 2020 fejn jingħad hekk:

*"1. Illi preliminarjament ir-rikorrent nomine jeħtieġlu jġib prova awtentika illi huwa għandu r-rappreżentanza effettiva tas-soċjeta' attriċi f'dawn il-proċeduri;*

*2. Illi fil-mertu, jinkombi fuq is-soċjeta' attriċi li ġġib prova ta' dak illi hija qed tallega, senjtament tal-fatti kif dettaljati minnha fir-rikors promotur;*

*3. Illi t-talbiet tas-soċjeta' attriċi, inkluż għar-rimbors tal-prezz imħallas minnha, huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li kuntrattwalment, skond il-klawżola numru tlettax (13) tal-kuntratt bejn il-partijiet, kwalsiasi kanċellament tat-titjira li seta sar da parti tal-attriċi inqas minn erbgħa w għoxrin (24) siegħa qabel ma kellha ssir t-titjira kien ser iwassal għat-telf inevitabbli tal-ammont kumplessiv mħallas mill-konvenuta b'rabta mat-titjira in kwistjoni. Għalhekk, l-ammont li laħqet ħallset l-attriċi m'għandux jiġi rifuż għaliex it-talba għall-kanċellament tat-titjira sar tardivament;*

*4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet attriċi huma msejsa fuq asserzjonijiet żbaljati u saħansitra qarrieqa, u dan għaliex kienet l-attriċi stess illi m'ottemperatx ruħha mal-obbligi li hija assumiet volontarjament meta pprenotat it-titjira de quo*

*għal Conakry ġewwa l-Guinea għall-klijenti tagħha. Għaldaqstant, it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess attriċi u dan għar-raġunijiet hawn taħt premessi, kif ser jiġi spjegat f'aktar dettall fil-perkors ta' dawn il-proċeduri;*

*5. Illi b'rabta ma' dan u mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-konvenuta teċepixxi bil-qawwa illi kuntrarjament għal dak allegat mis-soċjeta' attriċi, kienet din ta' l-aħħar illi refgħet ir-responsabbilta' li tottjeni l-permess/i speċjali w neċessarji għall-atterraġġ ġewwa Conakry, u dan meta hija tat assigurazzjonijiet foloz lill-konvenuta illi hija ġja kellha l-awtorizzazzjoni meħtieġa mill-awtoritajiet relattivi sabiex it-titjira tkun tista' topera. Li kieku dan kien minnu, kien ikun ifisser li l-konvenuta setgħet tottjeni l-permessi l-oħra dwar overflight u atterraġġ mingħajr xkiel.*

*6. Illi inoltre, fil-mument li ġiet prenotata t-titjira de quo, l-attriċi ġja kienet ben konxja li setgħu jiġu mposti xi restrizzjonijiet fuq it-titjiriet lejn il-Guinea iżda għażlet xorta waħda li tipproċedi minkejja r-riskji magħrufa u saħansitra baqgħet tagħti assigurazzjonijiet ulterjuri **wara** li ġie dikjarat stat ta' emerġenza mill-President tal-Guinea minħabba l-pandemija tal-Covid-19;*

*7. F'dan ir-rigward, jingħad illi l-aġir tal-konvenuta altru milli kien aġir li sar bi ksur tal-ftehim bejn il-partijiet. Għall-kuntrarju, id-deċiżjoni tal-konvenuta li tikkowordina, tippjana u topera t-titjira prenotata mill-attriċi kien għal kollox ibbażat fuq id-dikjarazzjonijiet ripetuti magħmula mill-attriċi li kienet se tottjeni, jew li ġja kellha, ċerti awtorizzazzjonijiet. B'dan jikkonsegwi illi – anke biss fuq bażi prima facie – kienet l-attriċi li m'osservatx il-ftehim li kien intlaħaq bejn il-partijiet kif soġġett għall-garanziji sussegwenti li ngħataw mill-attriċi stess, saħansitra bil-miktub.*

*8. Illi wkoll mingħajr preġudizzju għas-suespost, mhux talli ma mmaterjalizza ebda ksur kuntrattwali da parti tal-konvenuta li jista' jiġġustifika talba għar-rifużjoni tal-ammont mħallas mill-attriċi, iżda l-konvenuta ssostni illi minħabba l-aġir reprovevoli*

*tal-attriċi hija rrekat danni konsistenti inter alia f'telf ta' introjtu illi segħtet iġġenerat li kieku aċċettat li topera titjiriet oħra minflok dik in kwistjoni, kif ukoll spejjez inutili li ġew inkorsi b'konsegwenza tal-kanċellament tat-titjira lejn il-Guinea u l-esponenti tirriserva illi tipproċedi fir-rigward.*

*9. Illi in oltre, u għal kull bwon fini, il-konvenuta eċċipjenti tinnota illi l-mandat ta' sekwestru ippreżentat b'rabta mal-mertu ta' dina l-kawża huwa tant ieħor ippernjat fuq il-pretensjonijiet frivoli vantati fl-istess proċeduri, b'dan illi qed jikkawża danni lill-konvenuta.*

*10. Salv eċċezzjonijiet oħra permissibbli mil-liġi.*

*Bl-ispejjeż u b'riżerva għad-danni kif fuq spjegat".*

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha ta' dan il-każ.

Semgħet ix-xhieda li ġew prodotti f'dan il-każ mindu l-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta u rat id-depożizzjonijiet tax-xhieda li xehdu qabel il-kawża ġiet assenjata lilha.

Rat in-Noti (*a fol.* 199 u 200) ippreżentati mis-soċjeta' konvenuta Harmony Jets Limited fit-18 ta' April 2022 u fil-21 ta' April 2022 fejn is-soċjeta' konvenuta rtirat u rrinunzjat għall-ewwel (1) eċċezzjoni hekk kif kontenuta fir-Risposta Maħlufa tagħha.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet (*a fol.* 179 *et seq.*) ipprezentata mill-attur l-Avukat Dr Cedric Mifsud *nomine* fit-22 ta' Marzu 2022.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet (*a fol.* 201 *et seq.*) ipprezentata mis-soċjeta' konvenuta Harmony Jets Limited fil-21 ta' April 2022.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi tagħmel riferenza għax-xiehda u għad-dokumenti saljenti li ġew mismugħa u preżentati tul il-mori tal-proċeduri odjerni.

Illi, fis-16 ta' Settembru 2020, ġie ppreżentat affidavit ta' **Martin William Benetar** (*a fol.* 58 *et seq.*) fejn beda billi spjega li huwa d-direttur tas-soċjeta' attriċi Charter-A Limited u li ilu f'dan ir-rwol mill-14 ta' Ġunju 2011. Jgħid li f'Marzu 2020 is-soċjeta' imsemmija ġiet avviċinata minn klijent privat sabiex tiġi organizzata titjira b'ajruplan privat minn Johannesburg fl-Afrika ta' Isfel għal Conakry fil-Guinea. Jispjega li minħabba din it-talba, fis-26 ta' Marzu 2020 Mark Zaiger, direttur ieħor tas-soċjeta' attriċi, ikkuntattja lis-soċjeta' konvenuta bil-għan li tiġi organizzata t-titjira mitluba u li s-soċjeta' konvenuta wieġbet fl-istess ġurnata u qalet li t-titjira setgħet tiġi organizzata fit-28 ta' Marzu 2020. Ikompli jgħid li ma ġiex ipprovdut ħin għat-titjira minħabba l-permessi li kien hemm bżonn sabiex l-ajruplan jitlaq minn Johannesburg. Jixhed li s-soċjeta' konvenuta talbithom jiffirmaw kuntratt datat 26 ta' Marzu 2020 sabiex jikkonfermaw it-titjira u li hu ffirma dan il-kuntratt għan-nom tas-soċjeta' attriċi iżda s-soċjeta' konvenuta qatt ma ffirmatu min-naħa tagħha. Jisħaq li s-soċjeta' attriċi ħallset lis-soċjeta' konvenuta s-somma ta' disgħa u tmenin elf Euro (€89,000). Jgħid li, bħala operatur tat-titjira, is-socjeta' konvenuta kienet responsabbli sabiex tikseb il-permessi kollha neċessarji u li fi żmien il-pandemija tal-Covid-19 kien diffiċli sabiex jinkisbu dawn il-permessi. Jtenni li l-awtoritajiet tal-Afrika ta' Isfel kienu diġa' ħarġu xi restrizzjonijiet u li fil-fatt is-soċjeta' konvenuta kienet talbithom sabiex jipprovdu ittra li kienet tispjega l-bżonn ta' din it-titjira bil-għan li jiġi faċilitat il-ksib tal-permessi. Jgħid li fis-26 ta' Marzu 2020 din l-ittra ġiet mgħoddija lis-soċjeta' konvenuta (Dok. "MB 1" – *a fol.* 64 *et seq.*) li min-naħa tagħha talbet li din titpoġġa fuq l-intestatura tal-klijent u jgħid li hekk sar. Ikompli jispjega li fl-istess ġurnata l-Gvern tal-Guinea ħabbar stat ta' emerġenza u konsegwenza ta' dan ħafna mit-titjiriet ġew imwaqqfa waqt li fil-ftit ċirkostanzi fejn it-titjiriet bil-passiġġieri kienu ser jiġu permessi jidħlu, dawk kienu suġġetti għal numru ta' kondizzjonijiet. Itenni li waħda minn dawn ir-restrizzjonijiet kienet li l-passiġġieri kellhom joqgħodu erbatax (14) il-jum kwarantina qabel ma jitilqu. Jgħid li minbarra dan, il-passiġġieri li kienu qed imorru l-Guinea kellhom jkunu minn pajjiżi fejn ma kienux reġistrati każijiet ta' Covid-19 u li minħabba li l-Afrika ta' Isfel diġa' kellha każijiet ta' Covid-19 huma ma setgħux jiksbu d-dokumenti mitluba mis-soċjeta' konvenuta.

Jixhed li minkejja dan, fis-27 ta' Marzu 2020 is-soċjeta' konvenuta baqgħet tinsisti li sa dakinhar sa 12.00pm UTC riedet tirċievi d-dokumentazzjoni li turi li kien hemm xi forma ta' awtorizzazzjoni għall-inżul tal-ajruplan fil-Guinea. Jispjega li fis-27 ta' Marzu 2020, Mark Zaiger, id-direttur l-ieħor tas-soċjeta' attriċi, kien informa lis-soċjeta' konvenuta li minħabba d-dikjarazzjoni ta' stat ta' emerġenza fil-Guinea, kien ser ikun diffiċli li jġibu l-permessi neċessarji speċjalment sa nofsinhar tal-istess ġurnata (Dok. "MB 2" – *a fol.* 68 *et seq.*). Minħabba dan is-socjeta' konvenuta ntalbet jekk setgħetx tipposponi t-titjira għal ġimgħa ta' wara ħalli b'hekk jingħataw żmien sabiex iġibu d-dokumenti neċessarji u jispjega li s-soċjeta' konvenuta wieġbet li hija setgħet tipposponi t-titjira (Dok. "MB 3" – *a fol.* 70 *et seq.*) iżda ftit wara deher biċ-ċar li l-permessi ma kienux sejrin jinħarġu mill-awtoritajiet tal-Guinea. Jisħaq li minkejja li kien l-obbligu tas-soċjeta' konvenuta li tikseb dawn il-permessi hija baqgħet tinsisti li tirċevihom minn għand is-soċjeta' attriċi.

Ikompli jispjega li t-titjira tħassret minħabba *force majeure* u li ma kinitx deċiżjoni libera tas-soċjeta' attriċi. Jgħid li minkejja dan, meta permezz ta' *email* (Dok. "MB 4" – *a fol.* 72 *et seq.*) talbu sabiex il-ħlas jiġi rifuż lura, is-soċjeta' konvenuta saħqet li t-titjira ġiet kanċellata mis-soċjeta' attriċi u li hija tħassret anqas minn erbgħa u għoxrin (24) siegħa qabel il-ħin tat-tluq tat-titjira u li għalhekk is-soċjeta' attriċi ma kellhiex dritt għal rifużjoni. Jgħad: *"As previously mentioned, the time for the flight had not been scheduled yet and Harmony Jets Limited had also confirmed that the flight could be postponed for the following week"* (*a fol.* 61). Jixhed li fis-27 ta' Marzu 2020 bagħat *email* (Dok. "MB 5" – *a fol.* 75 *et seq.*) lis-soċjeta' konvenuta fejn spjega li dan ma kienx każ ta' kanċellament iżda kien każ ta' *force majeure* u għalhekk is-somma mħallsa kellha tiġi rifuża. Jispjega li permezz ta' *email* datata 30 ta' Marzu 2020, is-soċjeta' konvenuta bi żball qalet li s-soċjeta' attriċi qalet li kellha l-*landing permit* sabiex tinżel f'Guinea iżda skont hu jidher biċ-ċar mill-korrispondenza bejn il-partijiet li dan ma kienx permess pero' kienet ittra li kellha tkun dak imsejjaħ minnu bħala *supporting document* biex is-soċjeta' konvenuta jkollha l-permess. Jgħid: *"As the operator of the aircraft, Harmony Jets Limited was the one was responsible of obtaining the said overflight and landing permits and notwithstanding the fact that they were aware that*

*there was no possibility of proceeding with the flights, they failed to take any responsibility on their end"* (*a fol.* 62). Jispjega li skont klawsola sbatax (17) tal-kuntratt, f'każ li t-titjira kienet issir, il-klijenti tiegħu kienu ser jiksru l-liġijiet tal-Guinea. Jgħid li minkejja li ripetutament talbu r-rifużjoni tas-somma ta' disgħa u tmenin elf Euro (€89,000), din qatt ma tħallset.

In kontro-eżami, li sar fis-seduta tal-20 ta'Ottubru 2020 (*a fol.* 99 *et seq.*), Benetar spjega li huma aġenti fis-settur tal-avjazzjoni privata u qal li f'dawn iċ-ċirkostanzi huma jużaw sistema fejn jitolbu l-prezzijiet u li fil-każ odjern l-irħas offerta kienet tas-soċjeta' konvenuta. Jgħid li hu kien involut minn wara l-kwinti minħabba li l-*emails* jiġu rċevuti f'indirizz ġenerali. Jispjega li t-titjira in kwistjoni kienet intiża sabiex twassal żewġ impjegati minn Johannesburg għal Conakry u jikkonferma li meta tqabbdet is-soċjeta' konvenuta kemm huma kif ukoll hija kienu jafu li kien hemm problemi maħluqa mill-pandemija tal-Covid-19 u li dawn ġew diskussi mas-soċjeta' konvenuta u li minkejja dan is-socjeta' konvenuta aċċettat li ssir it-titjira. Jispjega li huwa assuma li s-soċjeta' konvenuta kienet ser tikseb is-*slots* neċessarji u għamel din l-assunzjoni fuq il-fatt li fl-industrija privata l-operatur irid jagħti l-ajruplan u jikseb is-*slots* neċessarji. Jgħid li dan ma jistax jagħmluh huma minħabba li huwa l-operatur li għandu l-kontroll taċ-ċirkostanzi tat-titjira u li minn naħa tagħhom jaġixxu bħala *brokers.* Ikompli jispjega li huma saru jafu li kien hemm restrizzjonijiet minn naħa tal-gvernijiet involuti meta eks-impjegat tas-soċjeta' konvenuta bl-isem ta' Jesmond, wara li huma għamlu l-pagament tagħhom, fis-26 ta' Marzu 2020 kien infurmahom li l-Gvern tal-Afrika ta' l-Isfel kien qed iwaqqaf it-titjiriet domestiċi u internazzjonali. Jikkonferma li din l-informazzjoni ġiet riċevuta wara li kienu ffirmaw il-kuntratt. Dwar il-kwistjoni tal-permessi u mistoqsi jgħid jekk ir-riferenza fl-affidavit tiegħu għad-dokumentazzjoni kinitx dwar il-*landing permits* itenni li ma kien hemm l-ebda *diplomatic landing letter* li setgħu jiksbu. Jispjega li huma għaddew l-ittra sabiex jissaportjaw lis-soċjeta' konvenuta hekk kif intalbu minnha fejn spjegaw ir-raġuni tat-titjira u li din l-ittra ġiet provduta fis-26 ta' Marzu 2020. Jgħid li ma jafx dwar l-ittra l-oħra. Dwar l-*email* mibgħuta minn Mark Zaiger fis-27 ta' Marzu 2020 (Dok. "MB 2" – *a fol.* 68 *et seq.*) jispjega li dan ma kienx qed jirreferi għal *landing slots.*

Ma kienx ċert dwar x'kien qed jiġi kkjarifikat pero' jikkonferma li l-*email* żgur ma tirreferix għal permess ta' nżul ta' ajruplan li mhux tagħhom. Dwar il-kwistjoni tad-*diplomatic landing* jinsisti li dan mhux xogħol tagħhom. Jispjega li l-kwistjoni setgħet tirreferi għal permess mill-Gvern tal-Guinea sabiex il-passiġġieri jkunu jistgħu jidħlu minkejja r-restrizzjonijiet u ma kinitx relatata mal-kisba min-naħa tas-soċjeta' attriċi tal-*landing slots.* Jispjega wkoll li qabel it-titjira, il-Gvern tal-Afrika t'Isfel kien ħareġ ordni ta' kwarantina mandatorja fuq iċ-ċittadini tiegħu kollha u għalhekk fiżikament dawn ma setgħux jiċċaqalqu. Jikkonferma li l-*landing permits* fil-Guinea ma kienux l-aktar punt kritiku tat-tranżazzjoni. Jispjega wkoll li meta talbu posponiment tat-titjira minħabba l-*lockdown* tal-Gvern tal-Afrika ta' Isfel deher ċar li dan il-posponiment kien għalxejn. Mistoqsi dwar l-*email* mibgħuta fis-26 ta' Marzu 2020 fis-13.25pm (*a fol.* 43), jgħid li ma kienx jaf dwarha u li bħala *broker* ma setgħux joħorġu din it-tip ta' ittra. Jammetti li din l-ittra hija fattwalment skorretta. Dwar id-dokumenti li jinsabu *a fol.* 46 u *a fol.* 49 jispjega li dak *a fol.* 46 jitkellem fuq *supporting letter* u dwar dak *a fol.* 49 jassumi li anke dan id-dokument huwa wkoll dwar *supporting letter*.

Meta ġie mistoqsi jgħid jekk jafx li qabel ma ġie ffirmat il-kuntratt is-soċjeta' attriċi kinitx ġiet infurmata li ser ikun hemm bżonn permess diplomatiku, wieġeb li ma jafx dwar dan. Jispjega li minħabba li l-arjuplan kien Lyon dan kellu jikseb il-permessi sabiex itir fuq numru ta' pajjiżi u kellhom japplikaw għal *slots* sabiex jaslu fl-Afrika ta' Isfel u wara sabiex jinżlu f'Conakry. Jispjega wkoll li sadanittant ikunu għadhom lanqas waslu fil-fażi għal dak li kellhom bżonn sabiex jinżlu fil-Guinea. Jikkonferma li dawn kienu l-obbligi tas-soċjeta' attriċi u li din hija l-proċedura standard fl-industrija. Jgħid li huma rritornaw il-ħlas li kienu rċevew mingħand il-klijenti tagħhom u jispjega wkoll li l-posponiment offert mis-soċjeta' konvenuta ma kienx isolvi l-problema minħabba l-*lockdown* u minħabba l-fatt li l-klijent tagħhom kellu kwistjoni li ried isolvi dak il-ħin u mhux xahar wara.

In <u>ri-eżami</u> (*a fol.* 113 *et seq.*), Benetar jikkonferma li t-titjira ma setgħetx titkompla minħabba l-Covid-19. Jispjega wkoll li l-Gvern tal-Guinea kien prattikament għalaq l-ajru u ma kienx hemm

possibilita' li jaslu sa Conakry. Jixhed li fis-27 ta' Marzu 2020 huma ngħataw terminu sakemm kellhom jagħtu risposta u ma setgħux jilħqu l-kundizzjonijiet imposti. Jispjega li skont il-kuntratt jekk inti tħassar it-titjira sa erbgħa u għoxrin (24) siegħa qabel ma titlaq it-titjira teħel il-*full cancellation fee*. Jgħid li fid-dokumenti ma kienx hemm il-ħin tat-titjira. Jirreferi wkoll għal Dok. "MB 6" (*a fol.* 118) u jgħid li kien hemm proposta mis-soċjeta' konvenuta li huma jirritornaw taħt forma ta' *credit note* s-somma ta' disgħa u sittin elf Euro (€69,000) u li huma rrifjutaw din l-offerta. Jiġi riferut għal Dok. "MB 7" (*a fol.* 119 *et seq.*) u jispjega li huwa rrifjuta l-offerta tas-soċjeta' konvenuta minħabba li huma kienu ħallsu lura kollox lil Alufer Mining Limited, li żewġ impjegati tagħha riedu jmorru Conakry.

Illi, fis-16 ta' Settembru 2020, ġie ppreżentat ukoll affidavit ta' **Mark Allen Zaiger** (*a fol.* 78 *et seq.*) fejn jgħid li huwa direttur tas-soċjeta' attriċi Charter-A Limited u jgħid kif fis-26 ta' Marzu 2020 huwa kellem lis-soċjeta' konvenuta sabiex tiġi organizzata t-titjira in kwistjoni. Jispjega li s-soċjeta' konvenuta wieġbet fl-istess ġurnata u nfurmat li t-titjira setgħet issir fit-28 ta' Marzu 2020 iżda ma ngħatawx ħin minħabba li l-permessi kienu għad iridu jinkisbu. Jgħid li fis-26 ta' Marzu 2020, is-soċjeta' attriċi ntalbet tiffirma l-kuntratt sabiex it-titjira tiġi kkonfermata u li tħallset is-somma ta' disgħa u tmenin elf Euro (€89,000) lis-soċjeta' konvenuta. Itenni li l-obbligu sabiex jinkisbu l-permessi neċessarji ħalli ssir it-titjira kien responsabilita' tas-soċjeta' konvenuta bħala operatur u din il-mansjoni kienet qed issir iktar u iktar diffiċli fi żmien il-pandemija tal-Covid-19. Jispjega kif l-awtoritajiet ta' l-Afrika ta' Isfel kienu diġa' ħadu miżuri ntiżi sabiex jillimitaw it-titjiriet u f'dan ir-rigward is-soċjeta' konvenuta talbet lis-soċjeta' attriċi sabiex tipprovdilha ittra fejn jiġi spjegat il-bżonn ta' din it-titjira. Jgħid li din l-ittra intbagħtet lis-soċjeta' konvenuta fis-26 ta' Marzu 2020 (Dok. "MZ 1" – *a fol.* 84 *et seq.*) u jispjega li fl-istess ġurnata l-Gvern tal-Guinea ddikjara stat ta' emerġenza u waqqaf il-parti l-kbira tat-titjiriet waqt li t-titjiriet li kienu permessi kienu suġġetti għal numru ta' kundizzjonijiet. Jixhed li permezz ta' *email* datata 27 ta' Marzu 2020 (Dok. "MZ 2" – *a fol.* 88 *et seq.*) huwa nforma lis-soċjeta' konvenuta li minħabba d-dikjarazzjoni ta' stat ta' emerġenza fil-Guinea, kien ser ikun diffiċli li jinkisbu l-permessi meħtieġa fil-ħin mogħti mis-

soċjeta' konvenuta u għaldaqstant saret talba jekk kienx hemm possibilita' li t-tijira tiġi posposta għal ġimgħa ta' wara. Jixhed li s-soċjeta' konvenuta nfurmathom li t-titjira setgħet tiġi posposta (Dok. "MZ 3" – *a fol.* 90 *et seq.*) iżda minkejja dan wara ftit kien evidenti li l-permessi ma kienux ser joħorġu minħabba r-restrizzjonijiet li kienu qed jintalbu mill-Gvern tal-Guinea. Jixhed: *"Notwithstanding Harmony Jets Limited's obligation to apply for the permits, the latter continued to press Charter-a Limited and its clients to obtain the permits and this notwithstanding the fact that they were well aware that the application for the permit would have been refused by the Guinean authorities"* (*a fol.* 81). Jispjega li t-titjira ma setgħetx issir minħabba *force majeure* u mhux għax huma għażlu li jikkanċellaw it-titjira u li, minkejja dan, is-soċjeta' konvenuta rrifjutat li tħallas lura l-flus mħallsa (Dok. "MZ 4" – *a fol.* 92 *et seq.*) minħabba li argumentat li t-titjira ġiet kanċellata anqas minn erbgħa u għoxrin (24) siegħa qabel il-ħin tat-tluq tagħha. Jisħaq li l-ħin tat-titjira kien għadu ma ġiex skedat u li s-soċjeta' konvenuta kienet ikkonfermat li t-titjira setgħet tiġi posposta. Jixhed li fis-27 ta' Marzu 2020 Martin Benetar bagħat *email* lis-soċjeta' konvenuta li dan kien każ ta' *force majeure* u mhux kanċellament mill-klijent u għalhekk is-somma mħallsa kellha tiġi rifuża (Dok. "MZ 5" – *a fol.* 95 *et seq.*). Jgħid li permezz ta' *email* datata 30 ta' Marzu 2020 is-soċjeta' konvenuta b'mod ħażin semmiet li s-soċjeta' attriċi qalet li kellha l-*landing permit* iżda jispjega li mill-korrispondenza jirriżulta b'mod ċar li din kienet ittra ntiża sabiex tgħin lis-soċjeta' konvenuta ħalli tkun tista' tikseb il-permess. Jisħaq li kien l-obbligu tas-soċjeta' konvenuta li tikseb il-permessi neċessarji u jagħmel riferenza għal klawsola sbatax (17) tal-kuntratt u jisħaq li kieku komplew bit-titjira, kienu jiksru l-liġijiet tal-Guinea.

In <u>kontro-eżami</u>, li sar fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2022 (*a fol.* 167 *et seq.*), Zaiger jispjega li s-soċjeta' attriċi taħdem bħala *broker* tal-ajruplani u li hija ma toperax ajruplani. Jgħid li huma ma jipprovdux dokumentazzjoni sabiex isiru t-titjiriet għalkemm jgħid li jitolbu ċertu dokumenti sabiex jiffaċilitaw l-istess titjiriet. Jispjega li ġeneralment operatur tal-ajruplani jkollu jikseb *overflight permits* li jippermettulu li jgħaddi minn ċertu spazju fuq il-pajjiżi u jkollu jikseb ukoll permessi ta' inżul. Jirriafferma li ma kinitx ir-responsabilita' tagħhom li jiksbu l-permessi. Dwar il-problemi

maħluqa mill-Covid-19, jgħid li dawn kienu qed jevolvu l-ħin kollu u li s-soċjeta' konvenuta kellha bżonn għajnuna bil-*landing permits.* Jispjega li s-soċjeta' konvenuta talbet għajnuna b'wieħed mill-permessi prinċipali li kien hemm bżonnu sabiex jiġbru l-passiġġieri u f'dan ir-rigward jirreferi għal Dok. "X" (*a fol.* 175 *et seq.*). Dwar l-*email* tas-26 ta' Marzu 2020 (*a fol.* 176) fejn jgħid li għandhom l-ittra tal-Gvern lesta jispjega li din hija l-ittra ta' *support* u li m'huwiex xogħol l-aġent li jġib dawn il-permessi. Jispjega li dak id-dokument ma nkisibx minħabba li l-pajjiżi għalqu meta ġie dikjarat l-istat ta' emerġenza. Jispjega li s-soċjeta' konvenuta kellha tmur Johannesburg u Conakry u li hija ma kellhiex il-permess għal dawn it-tnejn. Dwar il-posponiment tat-titjira jispjega li din ma ġietx aċċettata minħabba li ġiet dikjarata kwarantina fl-Afrika ta' Isfel għalhekk il-posponiment ma kienx aktar fattibbli. Jikkonferma li meta s-soċjeta' attriċi oriġinarjament talbet li ssir t-titjira hija talbet li din issir fi żmien li kien fattibbli kieku ma kienx hemm il-Covid-19.

In <u>ri-eżami</u> (*a fol.* 172 *et seq.*) Zaiger jispjega li mkien ma kien hemm il-ħin tat-tluq tat-titjira u dan wasslu sabiex jistaqsi kif timplimenta l-klawsoli ta' kanċellament jekk ma hemmx ħin ta' tluq. Jgħid li l-Afrika ta' Isfel iddikjarat l-istat ta' emerġenza fit-23 ta' Marzu 2020 u effettivament għalqet l-ajruporti kollha. Konsegwentement minħabba l-kwistjoni tal-kwarantina lanqas setgħet biss tibda t-titjira u dan mingħajr ma wieħed jikkunsidra Conakry.

Illi, fis-16 ta' Novembru 2021, ġie ppreżentat affidavit ta' **Pierre-Olivier Edouard** (*a fol.* 145 *et seq.*) fejn beda billi jgħid li huwa l-Kap Eżekuttiv tas-soċjeta' konvenuta u jgħid ukoll li s-soċjeta' konvenuta għandha *air operator's certificate* maħruġ minn Transport Malta u li hija topera titjiriet *charter* bl-ajruplani tagħha għall-klijenti tagħhom. Jispjega kif fis-26 ta' Marzu 2020 is-soċjeta' konvenuta ġiet avviċinata mis-soċjeta' attriċi sabiex tiddiskuti l-possibilita' li jitqabbdu sabiex issir titjira minn Johannesburg fl-Afrika ta' Isfel lejn Conakry fil-Guinea. Jikkonferma li fl-istess ġurnata huma nfurmaw lis-soċjeta' attriċi li t-titjira setgħet tiġi skedata għat-28 ta' Marzu 2020 pero' il-ħin tat-titjira kien għadu ma ġiex iffissat minħabba li t-titjira kienet suġġetta għall-fatt li jinkisbu l-permessi. Jgħid li fis-26 ta' Marzu 2020 huma talbu lis-soċjeta' attriċi sabiex tiffirma kuntratt ħalli tkun ikkonfermata t-titjira u jgħid li Martin

Benetar ħallas is-somma ta' tmienja u disgħin elf Euro (€89,000) f'isem il-klijenti tiegħu u għalhekk dan kien ifisser li t-titjira kienet ibbukjata. Jgħid li ż-żewġ partijiet kienu konxji tad-diffikultajiet li l-Covid-19 kien qed jikkawża u bir-restrizzjonijiet il-ġodda li kien daħħal fis-seħħ il-Gvern tal-Guinea. Jispjega li kien hemm bżonn awtorizzazzjoni speċjali sabiex il-Gvern tal-Guinea jħalli lill-esperti jidħlu fil-pajjiż u jkompli jgħid li sabiex ikunu jistgħu jinkisbu l-permessi sabiex l-ajruplan jkun jista' jinżel, il-passiġġieri kellhom jagħmlu ġimgħatejn kwarantina. Minbarra dan il-passiġġieri kellhom jiġu minn pajjiż li fih ma kienx hemm Covid-19. Jisħaq li fis-26 ta' Marzu 2020 huma ġew assigurati darbtejn mis-soċjeta' attriċi li kellhom awtorizzazzjoni speċjali sabiex it-titjira tkun tista' ssir u jirreferi għal żewġ *emails*: waħda mibgħuta fis-26 ta' Marzu 2020 fis-13.25pm (Dok. "1" – *a fol.* 149) u oħra mibgħuta fis-26 ta' Marzu 2020 fis-14.11pm ("Dok. "2" – *a fol.* 150). Jispjega li Paul Todhunter (impjegat tas-soċjeta' konvenuta) kien innota l-importanza ta' dawn il-permessi waqt it-tranżazzjoni u għamel riferenza għal *email* mibgħuta fis-26 ta' Marzu 2020 fis-13.31pm (Dok. "3" – *a fol.* 151 *et seq.*). Jgħid: *"Therefore, Charter-A Limited were evidently aware of the risk of the flight not taking place before placing the booking, and moreover, made it clear, that* ***they*** *were in possession of the special authorisation required to obtain the permits"* (*a fol.* 147). Jispjega li fis-27 ta' Marzu 2020 talbu li sa nofsinhar ikollhom l-ittra mill-Gvern tal-Guinea li Zaiger qal li kellhom minħabba li kien hemm bżonn jikkonfermaw li t-titjira kienet ser isseħħ. Dan sar minħabba li kellhom titjiriet oħra b'pazjenti morda u li għall-raġunijiet ovvji ma setgħux jistennew. Jgħid li Zaiger infurmahom li l-klijent kien għadu qed jistenna mingħand il-Gvern u li kien ser jirċievuha filgħodu u jagħmel riferenza għal *email* mibgħuta fis-27 ta' Marzu 2020 fit-8.36am (Dok. "5" – *a fol.* 152). Jixhed li fil-frattemp is-soċjeta' konvenuta kienet għamlet l-arranġamenti neċessarji biex it-titjira sseħħ u jgħid li l-ajruplan kien tar għal Montpellier fi Franza sabiex jiġbor il-*crew* u li rrifjutaw klijenti oħra peress li l-ajruplan kien riżervat għas-soċjeta' attriċi. Jispjega li aktar tard fl-istess ġurnata, Zaiger informahom li ma kienx ser ikun possibbli li jirċievi l-awtorizzazzjoni speċjali mill-Gvern tal-Guinea minħabba l-istat ta' emerġenza li ġie dikjarat il-ġurnata ta' qabel, jiġifieri ġurnata qabel Zaiger ikkonferma l-*booking* tat-titjira. Jixhed li minħabba f'hekk is-soċjeta' konvenuta offriet li tipposponi l-vjaġġ b'ġimgħa sabiex is-

soċjeta' attriċi jkollha aktar ħin sabiex tikseb l-awtorizzazzjoni speċjali u l-permessi l-oħra sabiex tidħol fil-Guinea. Jgħid: *"Our position was always clear: that we wanted to find the best possible solution for the flight to take place"* (*a fol.* 148) u jagħmel riferenza għal *email* mibgħuta fis-27 ta' Marzu 2020 fil-11.03am (Dok. "6" – *a fol.* 153). Jixhed li għall-ewwel din il-proposta kienet ġiet aċċettata iżda wara kienet irrifjutata. Jispjega li Zaiger kien informahom li ma kienux ser jipposponu t-titjira u li xtaqu jikkanċellaw it-titjira, anqas minn erbgħa u għoxrin siegħa qabel kellu jitlaq l-ajruplan. Jirreferi għall-*email* mibgħuta fis-27 ta' Marzu 2020 fis-14.03pm (Dok. "7" – *a fol.* 154 *et seq.*). Jgħid li konsegwenza ta' dan, il-kuntratt kien jagħti lis-soċjeta' konvenuta s-setgħa li żżomm il-ħlas ta' disgħa u tmenin elf Euro (€89,000). Jispjega li s-soċjeta' attriċi talbet ir-rifużjoni tal-ħlas u jkompli jgħid: *"as they blamed the failure to obtain the special authorisation, which they claimed to be in possession of, and the permits, on force majeure"* (*a fol.* 148). Jgħid: *"Email correspondence shows they took it upon themselves to obtain such documentation, and we could not have operated the flight legally without it"* (*a fol.* 148).

In <u>kontro-eżami</u>, li sar fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2021 (*a fol.* 132 *et seq.)*, Edouard spjega li huwa ġie nvolut direttament f'dan il-każ meta beda jiġi diskuss il-kanċellament tat-titjira. Mistoqsi jekk kienx familjari mal-kuntest tal-*emails* li ppreżenta mal-affidavit tiegħu, jikkonferma li kien konxju tagħhom. Jispjega li l-*email* li bagħat Paul Todhunter kienu struzzjonijiet ġenerali li jintużaw mal-klijenti kollha. Mistoqsi jgħid jekk meta jkollhom klijent jitolbuhx jagħmel xi affarijiet, wieġeb li normalment huma jiġbru l-informazzjoni li jagħtihom il-klijent u jippreparaw it-titjira. Mistoqsi jgħid jekk jagħmlux kollox, wieġeb li jadattaw mat-talbiet tal-klijent. Jikkonferma li f'dan il-każ il-klijent offra ċertu għajnuna fir-rigward tal-permessi. Jgħid ukoll li f'punt partikolari huma talbu mis-soċjeta' attriċi dokumentazzjoni partikolari bħal passaport u komplew fuq l-assistenza dwar il-permessi. Dwar il-preparattivi tat-titjira jispjega li mhux dejjem huwa l-każ li jieħdu kollox f'idejhom u jixhed li f'dan il-każ il-klijent offra li jġib il-permessi. Jgħid li dan mhux normali fl-industrija pero' jikkonferma li xorta kellu japplika għall-*overflight permits* u għall-*landing permits.* Għad-domanda: *"so the customer in this particular case had to apply for overflight permissions and had to apply for landing permissions?"* (*a fol.*

135), wieġeb: *"Yes he was to apply for the, to obtain the landing permission from the government"* (*a fol.* 136). Jgħid li f'dan il-każ ma kienx hemm kwistjonijiet dwar *overflight permits* u jkompli jgħid li l-kanċellament seħħ minħabba l-permess ta' inżul fid-destinazzjoni. Jisħaq li l-klijent kien qal li se jikseb dan, iżda ma rnexxilux. Jispjega li sar kuntatt miegħu mis-soċjeta' attriċi fuq is-sistema magħrufa bħala Avinode u dan il-proċess fl-aħħar mill-aħħar wassal għall-firma tal-kuntratt minn naħa tas-soċjeta' msemmija. Jispjega wkoll li l-kanċellament tat-titjira saret mill-klijent. Dwar il-fatt li fil-kuntratt ma kienx hemm ħin, jispjega li dan huwa normali sabiex iżommu l-ħin flessibbli u li ġeneralment dan isir sabiex jiffavorixxi l-klijent. Dwar il-klawsola tal-kanċellament u l-fatt li fil-kuntratt ma kienx hemm il-ħin tat-titjira, jispjega li dan ngħata f'*email* sussegwenti. Jgħid ukoll li kien hemm skeda ta' ħinijiet u li huma kkalkulaw il-ħin fuq dik l-iskeda. Jisħaq li t-titjira ġiet imħassra mill-klijent minħabba l-*landing permits* u mhux mis-soċjeta' konvenuta. Jikkonferma li l-kanċellament seħħ permezz ta' *email*. Jgħid li ma kien hemm l-ebda problema bit-titjira iżda meta ġie mistoqsi jgħid jekk kellux il-permessi sabiex imur l-Afrika ta' Isfel, jgħid li ma jiftakarx. Jgħid li kellu l-garanziji kollha sabiex jikseb il-permess jinżel fl-Afrika ta' Isfel u jgħid li kellu l-konnessjonijiet neċessarji sabiex jikseb dan il-permess. Mistoqsi jikkonferma li minħabba l-ordni ta' kwarantina t-titjira ma setgħetx issir, jgħid li dan id-dokument ma jgħidx li huma kienu bblukkati u jagħti l-eżempju li f'dak iż-żmien Malta kienet magħluqa iżda xorta kien qed jinżel fl-ajruport ta' Malta. Mistoqsi juri evidenza li ntilfu titjiriet oħra jgħid li ma jiftakarx l-ispeċifiku ta' dan il-każ iżda jkompli jgħid li jsir kuntatt magħhom il-ħin kollu. Jikkonferma li f'dan il-każ tilfu numru ta' titjiriet minħabba li dak iż-żmien kulħadd ried jivvjaġġa. Dwar il-frażi *"subject to permits"* jispjega li din hija frazi standard li jużaw u jgħid: *"I explain again, usually we do take care of everything the customer cannot provide, if the customer is sure to provide the permit he will provide the permit"* (*a fol.* 142). Dwar jekk offriex xi forma ta' rifużjoni lis-socjeta' attriċi jispjega li ma jiftakarx.

In <u>ri-eżami</u> (*a fol.* 143), b'riferenza għall-*email* mibgħuta fis-26 ta' Marzu 2020 fis-13.25pm, f'liema *email* Mark Zaiger kiteb: *"For note I have a diplomatic landing permit for Conakry"* (*a fol.* 43), jgħid li din l-*email* Zaiger kien bagħatha lil Paul Todhunter li kien il-persuna

responsabbli għan-negozjati u d-diskussjonijiet. B'riferenza għall-*email* mibgħuta fis-26 ta' Marzu 2020 fis-14.11pm fejn Zaiger kiteb: *"For note we have a government letter ready to go for Conakry for the landing. I will send this to you in due course"* (*a fol.* 46), jgħid li din ġiet riċevuta minn Paul Todhunter waqt li dwar l-ittra governattiva jgħid li din ma ġietx riċevuta minnu u għalhekk ma setax jgħid.

**Ikkunsidrat**

Illi qabel il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha fir-rigward tat-talbiet tas-soċjeta' attriċi Charter-A Limited hekk kif kontenuti fir-Rikors Maħluf tagħha, il-Qorti tinnota li mill-atti proċesswali jirriżulta s-segwenti:

- filwaqt li s-soċjeta' attriċi taħdem bħala aġent fil-qasam aerjonawtiku b'dana illi tiġi avviċinata minn nies li jkollhom bżonn jivvjaġġaw bl-ajru, is-soċjeta' konvenuta topera l-ajruplani;

- fis-26 ta' Marzu 2020 is-soċjeta' konvenuta u s-soċjeta' attriċi bdew jiddiskutu dwar possibbilta' li s-soċjeta' konvenuta torganizza titjira bejn Johannesburg fl-Afrika ta' Isfel u Conakry fil-Guinea sabiex jinġarru żewġ passiġġieri għal klijent tas-soċjeta' attriċi;

- dakinhar stess ċioé fis-26 ta' Marzu 2020 fis-13.04pm, is-soċjeta' konvenuta permezz ta' *email* (*a fol.* 38) bagħtet kopja tal-kuntratt lis-soċjeta' attriċi u din ta' l-aħħar iffirmatu fl-istess ġurnata (Dok. "A" – *a fol.* 9 *et seq.*);

- il-prezz pattwit għal din it-tranżazzjoni kien dak ta' disgħa u tmenin elf Euro (€89,000) hekk kif jirriżulta mill-istess kuntratt;

- it-titjira kellha ssir fit-28 ta' Marzu 2020 u kellha titlaq fid-9.00am waqt li kellha tasal fid-destinazzjoni tagħha fit-15.27pm (*a fol.* 44.);

- permezz ta' *email* (*a fol.* 43) mibgħuta fis-26 ta' Marzu 2020 fis-13.25pm is-soċjeta' attriċi nfurmat lis-soċjeta' konvenuta li hija għandha "*diplomatic landing permit for Conakry*" (*a fol.* 43);

- permezz ta' *email* (Dok. "H2" – *a fol.* 38a) mibgħuta fis-26 ta' Marzu 2020 fis-13.31pm is-soċjeta' konvenuta kkomunikat li t-titjira kienet suġġetta għal permessi, *ossia "subject to permits and overflights"* (*a fol.* 38a);

- permezz ta' *email* (*a fol.* 86) mibgħuta fis-26 ta' Marzu 2020 fis-14.11pm is-soċjeta' attriċi nfurmat lis-soċjeta' konvenuta hekk: *"we have a government letter ready to go for Conakry for the landing"* (*a fol.* 86);

- fl-istess ġurnata tas-26 ta' Marzu 2020 fil-17.20pm fuq l-istess *trail* ta' *emails* intbagħtet ittra (*a fol.* 84) tispjega r-raġuni tat-titjira u għal din l-ittra is-soċjeta' konvenuta ndikat li tali informazzjoni kellha titpoġġa taħt l-intestatura tal-kumpannija li kienet qed tordna t-titjira;

- permezz ta' *email* (*a fol.* 52) mibgħuta fis-27 ta' Marzu 2020 fit-8.05am (*a fol.* 52) is-soċjeta' attriċi saħqet hekk: *"I am going to press for this diplomatic letter this morning"* (*a fol.* 52) u, bħala tweġiba għal din l-*email*, is-soċjeta' konvenuta nfurmat lis-soċjeta' attriċi permezz ta' *email* (*a fol.* 52) dakinhar stess fit-8.20am li mingħajr l-ittra diplomatika ma setgħet tagħmel xejn minħabba li l-Gvern tal-Guinea kien għalaq l-ispazju ta' l-ajru;

- permezz ta' *email* (*a fol.* 69) mibgħuta fis-27 ta' Marzu 2020 fid-9.39am is-soċjeta' konvenuta nfurmat lis-soċjeta' attriċi li kellha bżonn tal-permessi sa' 12.00 UCT ta' dakinhar u għal din l-*email* is-soċjeta' attriċi talbet lis-soċjeta' konvenuta, permezz ta' *email* (*a fol.* 68) mibgħuta fl-10.04am, jekk kienx hemm ċans li tiġi posposta t-titjira ħalli jkun hemm iktar ċans sabiex jinġiebu l-permessi, liema talba ġiet aċċettata u fis-27 ta' Marzu 2020 fl-10.19am is-soċjeta' konvenuta nfurmat lis-soċjeta' attriċi permezz ta' *email* (*a fol.* 70) li kienet ser iżżomm l-istess ajruplan u li meta jkollhom il-permess kellhom jerġgħu jkellmuhom;

- permezz ta' *email* (*a fol.* 74) mibgħuta dakinhar stess tas-27 ta' Marzu 2020 fis-14.03pm, is-soċjeta' attriċi kitbet hekk: *"Due to the current situation and the flights not being able to go ahead due to the restrictions and permissions not being granted please can you return the funds of €89,000.00 to the following account today"* (*a fol.* 74);

- għall-*email* imsemmija fil-paragrafu preċedenti, permezz ta' *email* (*a fol.* 73) mibgħuta dakinhar tas-27 ta' Marzu 2020 bil-ħin indikat tas-13.16pm, is-soċjeta' konvenuta wieġbet hekk:

  *"Please reconsider the cancellation and push for the permits....I have spoken with the CEO and this is his stance (copy and paste)...*

  *'Due to the customer cancellation at this date, the high demands for Medical flights refused to fulfill the customer request; we will apply the contract cancellation conditions. We're eager to please the customer with the flight further down next week when they manage to get the special permit.'*

  *As explained this morning, we are prepared to operate the flight when permits have been granted – something that we were told would not be an issue from the outset"* (*a fol.* 73).

Illi in segwitu ta' dan kollu bdiet id-disputa bejn il-partijiet li wasslet għall-kawża odjerna. Għal kull buon fini għandu jingħad ukoll li s-soċjeta' konvenuta ppruvat tilħaq kompromess billi offriet li tħallas lura s-somma ta' disgħa u sittin elf Euro (€69,000), liema offerta ġiet rifjutata mis-soċjeta' attriċi.

Illi jiġi rilevat li fit-23 ta' Marzu 2020 (Dok. "CM 1" – *a fol.* 157) il-Gvern ta' l-Afrika ta' Isfel ħabbar li minn nofs il-lejl tas-26 ta' Marzu 2020 sa nofs il-lejl tas-16 ta' April 2020 kien sejjer ikun hemm *lockdown*. F'dan id-dokument hemm indikat li dan il-*lockdown* kellu jaffettwa s-settur tal-ajru tant illi l-Ministru tat-Trasport kien ħabbar li mill-istess ġranet it-titjiriet kollha kienu ser ikun ipprojbiti u li din il-projbizzjoni kienet ser tibqa' fis-seħħ sa nofs il-lejl tas-16 ta' April 2020.

Illi l-Qorti ser issa tgħaddi sabiex tistħarreġ it-talbiet tas-soċjeta' attriċi. Fir-Rikors Maħluf tagħha, is-soċjeta' attriċi titlob li l-Qorti tiddikjara li t-titjira in kwistjoni ma setgħetx issir minħabba li s-soċjeta' konvenuta naqset milli tikseb il-permessi neċessarji u li dan kien dovut għal restrizzjonijiet imposti mill-istati in kwistjoni u mhux minħabba kanċellament minn naħa tagħha. Is-soċjeta' attriċi titlob ukoll li l-flus li ħallset lis-soċjeta' konvenuta jiġu rifużi lura u ma' dan is-soċjeta' attriċi titlob ukoll li jiġu likwidati d-danni li tgħid li sofriet.

Illi, minn naħa tagħha, fir-Risposta Maħlufa tagħha s-soċjeta' konvenuta teċċepixxi, fost l-oħrajn, li dan ma kienx każ ta' forza maġġuri u li għalhekk minħabba li t-titjira ġiet imħassra b'inqas minn erbgħa u għoxrin (24) siegħa pre-avviż hija kellha d-dritt iżżomm il-ħlas kollu li sar u dan *ai termini* ta' klawsola tlettax (13) fil-kuntratt (*a fol.* 11). Is-soċjeta' konvenuta teċċepixxi wkoll li kienet is-soċjeta' attriċi li kisret il-kuntratt meta ma kisbitx il-permessi neċessarji u s-soċjeta' konvenuta tilmenta wkoll li meta ġie ffirmat il-kuntratt is-soċjeta' attriċi kienet taf bir-riskji.

Illi l-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha fir-rigward tat-talbiet tas-soċjeta' attriċi u l-eċċezzjonijiet imressqa għalihom mis-soċjeta' konvenuta.

**Ikkunsidrat**

**<u>L-Ewwel (1) Eċċezzjoni</u>**

Illi permezz tal-ewwel eċċezzjoni s-soċjeta' konvenuta tgħid li għandha tinġieb prova awtentika li l-attur *nomine* għandu rappreżentanza tas-soċjeta' attriċi.

Illi permezz ta' Noti (*a fol.* 199 u 200) ippreżentati mis-soċjeta' konvenuta fit-18 ta' April 2022 u fil-21 ta' April 2022, is-soċjeta' konvenuta rtirat u rrinunzjat għall-ewwel eċċezzjoni hekk kif kontenuta fir-Risposta Maħlufa tagħha u b'hekk il-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni tagħha.

**<u>L-Ewwel (1) Talba</u>**
**<u>(Tiddikjara illi t-titjira ma setgħetx isseħħ minħabba nuqqas ta' permessi tas-soċjeta' konvenuta vis-à-vis restrizzjonijiet magħmula mill-awtoritajiet tal-pajjiżi konċernati u mhux minħabba kanċellament mis-soċjeta' attriċi)</u>:**
Illi s-soċjeta' konvenuta tisħaq li t-titjira setgħet isseħħ kieku s-soċjeta' attriċi żammet ma' l-obbligi tagħha li tikseb il-permessi neċessarji.

Illi fis-seba' (7) eċċezzjoni fir-Risposta Maħlufa tagħha, is-soċjeta' konvenuta tgħid li hija qablet li tippjana t-titjira fuq il-bażi li s-soċjeta' attriċi ripetutament assigurat li kienet se tottjeni jew li diġa' kellha l-awtorizzazzjonijiet neċessarji. Il-Qorti ma taqbilx ma' dan u dana minħabba li mill-atti proċesswali jirriżulta li fis-26 ta' Marzu 2020 fis-13.04pm is-soċjeta' konvenuta għaddiet permezz ta' *email* (*a fol.* 38) kopja tal-kuntratt lis-soċjeta' attriċi u kien biss dakinhar fis-13.25pm li permezz ta' *email* (*a fol.* 43) issir riferenza għall-ewwel darba għal *diplomatic landing permit* f'Conakry.

Illi l-Qorti jirriżultalha li s-soċjeta' konvenuta kienet aċċettat li twettaq it-titjira fil-mument li bagħtet il-kuntratt lis-soċjeta' attriċi u, minħabba li dan seħħ wieħed u għoxrin (21) minuta qabel ma' s-soċjeta' attriċi semmiet il-*landing permit* għall-ewwel darba, il-Qorti hija tal-fehma li s-soċjeta' konvenuta naqset milli turi li l-kunsens tagħha nkiseb b'qerq. Huwa minnu li fil-kontro-eżami tiegħu (*a fol.* 137) Pierre-Olivier Edouard jgħid li kien hemm xi diskussjonijiet fuq dan il-punt qabel ma ġie ffirmat il-kuntratt, iżda ma nġiebet l-ebda prova dwar dan.

Illi l-Qorti sejra tgħaddi sabiex tidhol fil-qofol tal-kwistjoni u ċioè jekk it-tħassir tat-titjira sarx minħabba nuqqas tas-socjeta' konvenuta li tikseb il-permessi neċessarji. F'dan ir-rigward il-Qorti tinnota li għandha tapplika l-massima legali li min jallega irid jipprova u għalhekk kien jinkombi fuq is-soċjeta' attriċi li tipprova li kien l-obbligu tas-soċjeta' konvenuta li tikseb il-permessi.

Illi f'dan ir-rigward is-soċjeta' attriċi targumenta li r-rwol tagħha kien biss dak ta' aġent u li fl-industrija l-permessi jiksibhom l-operatur. Dan huwa suffragat ukoll minn Pierre-Olivier Edouard

fejn fil-kontro-eżami tiegħu (*a fol.* 134) jikkonferma li sakemm il-klijent ma jkunx irid mod ieħor huma jieħdu ħsieb kollox mill-bidu sal-aħħar. Iżda Pierre-Olivier Edouard ikompli jgħid (*a fol.* 135) li f'dan il-każ il-klijent kien assuma l-obbligu li jikseb il permessi.

Illi l-Qorti tikkunsidra li minkejja li hemm qbil li ġeneralment il-permessi jinkisbu mill-operatur, f'dan il-każ huwa evidenti li f'xi stadju tat-tranżazzjoni ġara xi ħaġa differenti. Il-Qorti tgħid hekk minħabba li s-soċjeta' attriċi ripetutament issemmi li għandha f'idha jew qiegħda tipprova tikseb il-permessi neċessarji. Il-kliem użati fl-*emails* ma jħallu l-ebda dubju f'moħħ il-Qorti f'dan ir-rigward, speċjalment fejn is-soċjeta' attriċi tgħid, permezz ta' *email* (*a fol.* 43), li kellha *"diplomatic landing permit for Conakry"*. Il-Qorti hija tal-fehma li f'dan il-każ kien hemm xi ħaġa differenti mis-soltu u li b'konsegwenza ta' din id-differenza ġie miftiehem li l-*landing permit* għal Conakry kien qed jieħu ħsiebu l-klijent tas-soċjeta' attriċi u għalhekk, b'rifless ta' dan, ir-responsabilita' kuntrattwali saret tas-soċjeta' attriċi.

Illi fil-kuntest taċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, il-Qorti hija propensa temmen il-verżjoni ta' Pierre-Olivier Edouard u ċioè li l-kisba tal-permess partikolari kien ir-responsabilita' tas-soċjetà attriċi. Il-Qorti tgħid dan għax altrimenti ma kienx jagħmel sens li wara li ntbagħat il-kuntratt is-soċjeta' konvenuta tikteb li t-titjira kienet suġġetta għal permess u li s-soċjeta' attriċi tgħid li għandha tali permess. Barra minn hekk lanqas ma tkun jagħmel sens l-assidwita' li biha s-soċjeta' attriċi tirrepeti li qed tagħfas għall-permess. Il-Qorti tistaqsi x'raġuni seta' jkun hemm li s-soċjeta' attriċi kienet qed tipprova tikseb il-permess jekk ma kinitx kundizzjoni mposta fuqha fit-tranżazzjoni!

Illi lanqas huwa ta' fejda l-argument imressaq mis-soċjeta' attriċi fejn tgħid li s-soċjeta' konvenuta lanqas qatt setgħet tasal Johannesburg minħabba li Gvern tal-Afrika ta' Isfel kien għalaq l-ajruporti. Il-Qorti tgħid dan minħabba li tali dikjarazzjoni min-naħa tal-Gvern tal-Afrika ta' Isfel inħarġet fit-23 ta' Marzu 2020 u konsegwentement ikun ifisser li s-soċjeta' attriċi tkun iffirmat kuntratt bl-għarfien li t-twettieq tiegħu kien impossibbli. Tajjeb jiġi mfakkar li tali kuntratt

ikun jikser id-dettami tal-Artikolu 1054 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Kieku kien dan il-każ xorta ma jkunx hemm lok ta' rifużjoni.

Illi, bħal ma ngħad aktar 'il fuq, min jallega jrid jipprova u l-Qorti hija tal-fehma li ma ġiex ippruvat li s-soċjeta' konvenuta ma kinitx ser jirnexxielha tinżel f'Johannesburg anzi Pierre-Olivier Edouard jikkonferma li huwa seta' jinżel u jispjega bħala paragun li minkejja li Malta kienet magħluqa huwa xorta kien jinżel Malta. Dan ma ġiex kontradett mis-soċjeta' attriċi u għajr għad-dikjarazzjoni (Dok. "CM 1" – *a fol.* 157), is-soċjeta' attriċi ma ressqet l-ebda prova oġġettiva fuq dan il-punt. Il-Qorti tqis li tali dikjarazzjoni żgur mhux l-aqwa prova li setgħet titressaq fuq dan il-fatt u li ta' lanqas wieħed kien jistenna li tiġi ppreżentata id-dikjarazzjoni proprja jew traduzzjoni tagħha. Magħdud ma' dan, il-Qorti tinnota li ripetutament is-soċjeta' konvenuta qalet li t-titjira kienet suġġetta għall-kisba tal-permessi u għalhekk anke kieku ma kienx jirnexxielha tinżel f'Johannesburg, fatt li ma ġiex ippruvat, hija xorta kienet tkun koperta. Tenut kont ta' kollox, l-argument imressaq li s-soċjeta' konvenuta ma kienx ser jirnexxiela tinżel fl-Afrika ta' Isfel huwa għalhekk argument ipotetiku li mhux suffragat bil-fatti jew bil-provi.

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tistħarreġ it-tieni parti tal-ewwel talba tas-soċjeta' attriċi li hija indirizzata lejn il-fatt li l-permessi ma nkisbux minħabba restrizzjonijiet li daħlu fis-seħħ il-pajjiżi u mhux minħabba l-kanċellament tas-soċjeta' attriċi. F'dan ir-rigward, il-Qorti tibda billi tgħid li ma tantx taqbel ma' dan il-ħsieb minħabba li t-titjira tħassret mis-soċjeta' attriċi u ma tantx hemm fejn wieħed idur fuq dan il-punt u li *se mai* wieħed irid jara jekk kienx hemm raġuni valida skont il-liġi sabiex isir dan il-kanċellament! F'dan il-każ jidher li r-raġuni li s-soċjeta' attriċi qiegħda tressaq sabiex tispjega u tiġġustifika l-kanċellament huwa li dan sar bħala riżultat ta' forza maġġuri. Il-Qorti żżid billi tgħid li jekk is-soċjeta' attriċi jirnexxielha tipprova dan, allura ma tkunx taħti aktar għal kanċellament b'konsegwenza li t-tħassir tat-titjira tkun ġustifikata u għalhekk ma tkunx tapplika klawsola tlettax (13) tal-kuntratt.

Illi dwar is-suġġett dibattut ta' forza maġġuri l-awtur **Francesco Ricci** fil-ktieb tiegħu "*Indole E Fonti Delle Obbligazioni E Dei Contratti*" ippubblikat fis-sena 1892 jgħid is-segwenti:

> "319. *Come conseguenza del principio esposto al paragrafo 311 di questo capo, va che il danno allorché proviene da caso fortuito o da forza maggiore non é imputabile, imperocché non essendovi responsabilitá senza colpa, quando questa viene a mancare, sia perché il danno derivò da un fatto imprevedibile ed impreveduto (caso fortuito) cui non si diede causa né prossima né remota, sia perché ebbe origine da un avvenimento cui le nostre forze non avrebbero potuto opporre efficace resistenza, non può parlarsi di danno risarcibile per alcuna ragione, salvo che in forza di una particolare stipulazione non sia stato pattuito il contrario.*"

Illi fuq binarju simili Artikolu 1134 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi s-segwenti:

> "Id-debitur mhux obbligat għad-danni jekk hu ma setax jagħti jew jagħmel il-ħaġa li obbliga ruħu li jagħti jew li jagħmel, jew għamel il-ħaġa li ma kellux jagħmel, minħabba forza maġġuri jew minħabba aċċident".

Illi l-Qrati tagħna fuq dan is-suġġett imxew fuq kriterji li huma simili għal dak li qal l-awtur Francesco Ricci ikkwotat iktar 'il fuq u f'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-10 ta' Novembru 2010 fil-kawża fl-ismijiet **Mekanika Limited vs. Eurobyte Limited** (Numru 2532/2000/1), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet is-segwenti:

> "Illi huwa magħruf li l-każ fortuwitu jeħles lill-parti li tinvokah mill-obbligu li twettaq ir-rabta kuntrattwali tagħha u milli tagħmel tajjeb għall-ħsara li tiġri minħabba f'hekk biss u jekk kemm-il darba l-fatt tal-każ fortuwitu ma jkunx ġara minħabba xi għamil preċedenti li għalih tkun taħti dik l-istess parti[1]. Fuq kollox, biex tista' tittella' l-eċċezzjoni tal-każ fortuwitu, jeħtieġ li jintwera li ġrat xi

[1] P.A. 7.6.1938 fil-kawża fl-ismijiet **Bezzina vs. Grech et** (Kollez. Vol: XXX.ii.142)); u App. Ċiv. 15.1.1997 fil-kawża fl-ismijiet **Sapiano et vs. Fenech et** (Kollez. Vol: LXXXI.ii.149).

> ħaġa mhux tas-soltu li kellha sseħħ bilfors minkejja l-eżerċizzju ta' għaqal ordinarju ta' missier tajjeb tal-familja[2]. Il-prova ta' dan kollu taqa' fuq min jallega l-forza maġġuri biex juri kif imiss li dawn l-elementi kollha jirriżultaw fil-każ li jkun[3]."

Illi, meħud in konsiderazzjoni dak li għadu kemm ġie kwotat u applikat għall-każ odjern, il-Qorti tinnota li meta l-partijiet daħlu għall-kuntratt kienu jafu li kien hemm il-pandemija tal-Covid-19 u li din il-pandemija kienet qed twassal għal diffikultajiet kbar. Dan jirrizulta mill-affidavit ta' Pierre-Olivier Edouard fejn jgħid: *"Both parties were aware of potential difficulties with obtaining permits due to the ongoing obstacles being brought about by the Covid-19 pandemic, and the new restrictions brought about by the Guinean Government"* (*a fol.* 128). L-istess fatt jirriżulta ukoll fil-kontro-eżami ta' Mark Zaiger meta xehed: *"The covid disruptions at the time were ongoing and ever changing..."* (*a fol.* 169).

Illi b'hekk isegwi li l-ebda parti ma tista' tgħid li l-pandemija tal-Covid-19 kienet forza maġġuri minħabba li meta daħlu fil-kuntratt iż-żewġ partijiet kienu ben konxji tal-problemi li setgħu jfeġġu. F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fid-19 ta' Mejju 2004 fil-kawża fl-ismijiet **Alfred Delia vs. Segretarju Permanenti et** (Numru 86/1998/1), fejn il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) qalet hekk:

> "Evidentement f'din il-konklużjoni l-ewwel Qorti kienet qed issegwi dak li drabi oħra ġie ritenut, u ċjoe, li *"skond il-prinċipji tad-dritt biex ikun hemm il-każ fortuwitu mhux biżżejjed li jkun hemm avveniment insolitu, sproporzjonat u li jkun prodott mill-forzi tan-natura, imma meħtieġ li jkun inevitabbli b'mod li ma jistax jiġi evitat b'diligenza ordinarja tal-bonus paterfamilias"* – "**Carmelo Micallef -vs- Brigadier John Belle McCance noe**", Prim'Awla, 7 ta' Frar 1953 (Vol XXXVII pII p637). Osservazzjoni din ribadita fis-sentenza reċensjuri tal-Qorti ta' l-Appell fil-kawża fl-ismijiet

[2] P.A. 7.2.1953 fil-kawża fl-ismijiet **Micallef vs. Bell McCance noe** (Kollez. Vol: XXXVII.i.636).
[3] App. Inf. 6.10.2010 fil-kawża fl-ismijiet **Etienne Rapinett noe et vs. Spray Pack Ltd**.

"**Carmelo Micallef –vs- Direttur tax-Xogħlijiet**", 28 ta' Frar 2001.

Premess dan il-prinċipju, jinħass opportun illi qabel kull indaġni oħra tal-każ partikolari, jiġi ribadit dak kummentat fis-sentenza a Vol XXXI pI p554[4], ġja fuq ċitata, u ċjoe, li *"kull każ għandu jiġi konsidrat għalih peress illi ċ-ċirkustanzi ta' żmien jew ta' natura oħra jistgħu jbiddlu s-soluzzjoni fis-sens illi l-event, fejn kien imprevedibbli f'każ, isir prevedibbli f'każ ieħor, u għalhekk l-eżekuzzjoni (jew l-inevitibilita') ma tkunx impossibbli.""* [emfażi miżjuda]

Illi b'hekk isegwi li ġialadarba meta ffirmaw il-kuntratt il-partijiet kien jafu bl-eżistenza tal-Covid-19 u l-konsegwenzi li ġab miegħu, il-partijiet ma jistgħux jgħidu li dan kien att naturali b'forza inevitabbli. Il-Qorti tgħid dan minħabba li l-partijiet faċilment setgħu jevitaw dan kollu billi jirrifjutaw li jintrabtu kuntrattwalment jew għal ta' lanqas jagħmlu klawsoli *ad hoc* f'dan ir-rigward! Iżda sfortunatament minn dan kollu ma sar xejn min-naħa tas-soċjeta' attriċi. Żgur li tali imġieba ma hijiex l-imġieba rikjesta minn missier tajjeb tal-familja anzi, fiċ-ċirkostanzi li d-dinja kollha għaddiet minnha f'dawk iż-żmenijiet hija mġieba pjuttost negliġenti!

Illi dwar punt ieħor imqajjem mis-soċjeta' attriċi fuq l-istess suġġett, u ċioè li t-titjira ma setgħetx issir minħabba li l-Afrika ta' Isfel kienet waqqfet it-titjiriet internazzjonali u kienet ordnat kwarantina mandatorja u li din is-sitwazzjoni kienet ser iddum sas-16 ta' April 2020, il-Qorti tifhem li dan l-argument jorbot sfiq ma' l-argument tal-forza maġġuri minħabba li att magħmul minn Stat ġie rikonoxxut ripetutament bħala forza maġġuri u f'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-03 ta' Ottubru 2002 fil-kawża fl-ismijiet **Emanuel Ellul vs. Victor Custo noe et** (Numru 27/1996/1) fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qalet is-segwenti:

[4] **Kurunell Hugh Philip Raymond noe vs. Negte Manwel Busuttil pro et noe**, Appell Kummerċjali, 16 ta' Novembu 1942.

"Ftehim li jsir bejn żewġ persuni, huwa dejjem soġġett, mhux biss għall-provedimenti ta' ordni pubbliku tal-liġi ċivili, iżda, fuq kollox, għad-dettami tal-liġi. L-intervent tal-Leġislatur jista' dejjem jinewtralizza akkordji li jkunu waslu għalih il-privat, u l-unika limitazzjoni li għandu l-Gvern hi li jrid, f'kull każ, jirrispetta d-drittijiet fondamentali taċ-ċittadini kif protetti fil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. F'dan il-każ, ma ġiex allegat li l-Avviż Legali in kwistjoni huwa bi ksur tad-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem, u lanqas ma ġie allegat li dak l-Avviż Legali huwa, amministrativament, invalidu (per eżempju, għax *ultra vires* l-"*empowering law*"). Dak l-Avviż Legali, għalhekk, għandu jitqies validu u, bħala liġi, jorbot fuq iċ-ċittadini tal-pajjiż.

Hu risaput u aċċettat fil-ġurisprudenza, <u>li l-att tal-Awtorità governattiva, huwa anness bħala każ fortuwitu li jiskolpa lil min ma joperax ftehim</u>. Fil-kawża "<u>Raymond vs Busuttil</u>", Kollez. Vol. XXXI.I.554, intqal li *"biex ikun hemm il-każ fortuwitu, jrid ikun hemm event li ma jiddempendix mill-fatt tad-debitur, event imprevedibili u inevitabli. Għall-applikazzjoni tal-prevedibilita' jew imprevedibilita' ta' l-event għandha tiġi applikata t-teorija tad-diliġenza tal-bonus pater familias"*. Fil-kawża "<u>German vs Apap Bologna</u>", Kollez. Vol. XXXVII.II.653, imbagħad jingħad b'mod ċar li *"fatt ta' l-Awtorita' Amministrattiva huwa ekwiparat għall-forza maġġuri"*.

Fid-dawl ta' dan, huwa ċar, għalhekk, li l-parti li ma onoratx il-ftehim ta' Mejju, 1995, ma tistax tinstab responsabbli għad-danni, għax il-materja nħarġet minn idejn il-partijiet b'att tal-awtorita' tal-Gvern.

L-att tal-Gvern jitqies dejjem bħala att ta' terz li m'għandux relazzjoni mal-kontraenti; hu veru li l-Awtorita' dwar it-Trasport Pubbliku hija Awtorita' Pubblika, pero', hija indipendenti żgur mill-Eżekuttiv. L-Eżekuttiv huwa wieħed mill-organi indipendenti tal-pajjiż, u, fin-nuqqas ta'

> ċirkustanzi konkludenti li juri mod ieħor, hu preżunt u meqjus li l-Eżekuttiv ikun aġixxa indipendentement u fl-interess biss tal-pajjiż." [emfażi miżjuda]

Illi meħud in konsiderazzjoni kemm dak li għadu kemm ġie kwotat hawn fuq u kif ukoll dak li ġie kwotat aktar 'il fuq f'din is-sentenza, il-Qorti tinnota li s-soċjeta' attriċi ressqet dokument li ġie mmarkat bħala Dok. "CM 1" (*a fol.* 157), liema dokument huwa ntitolat "*Covid-19 Customer Update South Africa*". Minn dan id-dokument jirriżulta li l-President Cyril Ramaphosa fit-23 ta' Marzu 2020 kien ħabbar li mis-26 ta' Marzu 2020 kien ser ikun hemm *lockdown,* liema *lockdown* kien ser ikollu effett fuq is-settur ta' l-ajru, b'dana illi l-Ministru tat-Trasport ħabbar il-waqfien tat-titjiriet. Bħala parenteżi l-Qorti tinnota li dan id-dokument mhux neċessarjament huwa d-dikjarazzjoni uffiċjali li nħarġet mill-Gvern tal-Afrika ta' Isfel iżda tidher li hija xi forma ta' FAQ (*Frequently Asked Questions*) fuq xi *website* u fil-fatt huwa skarn f'dak li jirrigwarda informazzjoni mogħtija. Madanakollu din hija l-unika informazzjoni li għandha l-Qorti f'dan ir-rigward u għalhekk sejra tqis il-kontenut tiegħu.

Illi minkejja li d-dokument ma għandux data jirriżulta paċifiku mill-istess dokument u mix-xhieda prodotti li l-*lockdown* ġie mħabbar fit-23 ta' Marzu 2020 u l-Qorti tifhem li anke il-waqfien tat-titjiriet ġew imħabbra fl-istess żmien. Konsegwentement meta l-partijiet qablu fis-26 ta' Marzu 2020 li jiffirmaw il-kuntratt, kienu jafu, jew setgħu kienu jafu b'dan il-waqfien u konsegwentement, għall-istess raġunijiet indikati iktar 'il fuq, lanqas għal dan l-argument ma japplika l-prinċipju tal-forza maġġuri.

Illi, tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, il-Qorti hija tal-fehma li minħabba li kien jinkombi fuq is-soċjeta' attriċi li jinkiseb il-permess tal-*landing permit* ta' Conakry u minħabba li t-titjira tħassret mis-soċjeta' attriċi mingħajr l-ebda raġuni fil-liġi, il-Qorti ser tiċħad l-ewwel (1) talba kontenuta fir-Rikors Maħluf tagħha.

**<u>It-Tieni (2) u t-Tielet (3) Talba</u>**
**<u>(Tiddikjara u tordna li s-somma ta' disgħa u tmenin elf Euro (€89,000) tiġi rifuża lis-soċjeta' attriċi mis-soċjeta' konvenuta)</u>:**

Illi apparti dak li ngħad fir-rigward tal-ewwel (1) talba hawn fuq, il-Qorti tinnota li t-tħassir tat-titjira jaqa' taħt l-applikazzjoni ta' klawsola tlettax (13) tal-kuntratt. Din il-klawsola hija ċara u ladarba l-partijiet kienu ċari fuq dak li ftehmu ma hemmx lok ta' interpretazzjoni differenti. F'dan ir-rigward, il-Qorti tirreferi għas-sentenza mogħtija fit-28 ta' Mejju 2003 fl-ismijiet **Anthony Schembri et vs. Aldo Busuttil** (Numru 388/1993/2) fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qalet is-segwenti:

> "Dan għar-raġuni sempliċi illi skond il-kanoni ta' l-ermenewtika kontrattwali kodifikati anke fil-liġi tagħna, teżisti r-regola primarja li tgħid li *"meta l-kliem tal-konvenzjoni huwa ċar ma hemmx lok għall-interpretazzjoni"* (Artikolu 1002, Kodiċi Ċivili). Anke kieku l-kliem tal-patt imsemmi kienu ġenerali, u mhux speċifiċi, kif hekk fil-fatt hu l-każ, *"fil-konvenzjoni ma jidħlux ħlief il-ħwejjeġ li fuqhom ikun jidher li l-partijiet kellhom il-ħsieb li jikkuntrattaw."* (Artikolu 1010 tal-Kapitolu 16)."

Illi b'hekk isegwi li la darba ma kien hemm l-ebda raġuni valida fil-liġi sabiex din it-titjira titħassar, għamlet tajjeb is-soċjeta' konvenuta li timponi d-dritt tagħha skont klawsola tlettax (13) tal-kuntratt b'dana illi żżomm il-ħlas skont il-kuntratt. Fl-aħħar mill-aħħar kien jinkombi fuq is-soċjeta' attriċi li *stante* ċ-ċirkostanzi partikolari tara li tinkludi fil-kuntratt is-salvagwardji neċessarji. Darba li ma għamlitx hekk hija għandha tbati l-konsegwenzi tal-aġir tagħha. Kien ikun differenti kieku ż-żmien meta kkuntrattat it-titjira kien qabel ma faqqgħet il-pandemija tal-Covid-19 jew tal-inqas kien qabel it-23 ta' Marzu 2020 meta ġie dikjarat il-*lockdown*.

Illi jifdal li l-Qorti tistħarreġ argument ieħor imressaq mis-soċjeta' attriċi meta tgħid li fil-kuntratt ma kienx hemm data ta' tluq u li konsegwentement ma tistax tiġi applikata klawsola tlettax (13) tal-kuntratt. F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel riferenza għal messaġġ li hemm *a fol.* 44 fejn jidher biċ-ċar li l-ħin tat-tluq kellu jkun id-9.00am jew inkella s-7.00 UTC u d-data kienet it-28 ta' Marzu 2020, waqt li l-*email* (*a fol.* 74) li biha ġiet imħassra t-titjira ġiet mibgħuta fis-27 ta' Marzu 2020 fis-14.03pm. Dan ifisser li l-pre-avviż mogħti mis-soċjeta' attriċi kien inqas minn erbgħa u għoxrin (24) siegħa.

Illi għalhekk isegwi li s-soċjeta' konvenuta applikat tajjeb klawsola tlettax (13) tal-kuntratt u konsegwentement il-Qorti ser tiċħad ukoll it-tieni (2) u t-tielet (3) talba tas-soċjeta' attriċi.

**<u>Ir-Raba' (4) u l-Ħames (5) Talba</u>**
**<u>(Tiddikjara illi s-soċjeta' attriċi soffriet danni, tillikwida d-danni u tordna lis-soċjeta konvenuta tħallas dawn id-danni)</u>:**
Illi l-Qorti ma għandha xejn aktar x'iżżid ma' dak li ngħad hawn fuq u dan għajr li *stante* li l-Qorti ser tiċħad it-talbiet l-oħra tas-soċjeta' attriċi u *stante* li r-raba' (4) u l-ħames (5) talba jorbtu mat-talbiet preċedenti, b'hekk il-Qorti ser tiċħad ukoll ir-raba' (4) u l-ħames (5) talba hekk kif kontenuti fir-Rikors Maħluf tas-soċjeta' attriċi.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

1. Tastjeni mill tieħu konjizzjoni tal-ewwel (1) eċċezzjoni tas-soċjeta' konvenuta Harmony Jets Limited *stante* li din ġiet irtirata mis-soċjeta' attriċi;

2. Tiċħad it-talbiet kollha tas-soċjeta' attriċi Charter-A Limited.

Finalment, il-Qorti tordna li l-ispejjeż kollha marbuta ma' dawn il-proċeduri għandhom jitħallsu mis-soċjeta' attriċi Charter-A Limited.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**